EUCPN
EUROPEAN CRIME PREVENTION NETWORK

SFAXXATUR TAL-MITI

# IL-ĠLIEDA KONTRA L-KRIMINALITÀ U SERJA: KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI JEW APPROĊĊI LOKALI?

Il-kriminalità organizzata hija kunċett li jikkawża kemmxejn konfużjoni. Skont lil min tistaqsi, tfisser affarijiet differenti. Dan hu rifless fil-politika kriminali Ewropea, fejn id-definizzjonijiet ma kinux dejjem ċari u l-prijoritajiet inbidlu. Li huwa ċar huwa li l-kriminalità saret kważi sinonima mal-kriminalità internazzjonali serja. Dan jista' jwassal għall-idea li l-kriminalità organizzata hija xi ħaġa li għandha tiġi indirizzata minn atturi strateġiċi ta' livell għoli. Madankollu, il-kriminalità organizzata hija inkorporata lokalment ukoll u għandha impatt lokali. Dawk li japplikaw miżuri ta' prevenzjoni u l-pulizija lokali wkoll għandhom rwoli importanti fil-prevenzjoni, u l-ġlieda kontra, l-kriminalità organizzata.



# IL-KRIMINALITÀ ORGANIZZATA, IL-KRIMINALITÀ SERJA, IL-KRIMINALITÀ INTERNAZZJONALI

Il-kriminalità organizzata hija kunċett ewlieni fil-politika kriminali u l-prevenzjoni tal-kriminalità, iżda mhuwiex dejjem ċar x'inhu dak li jikkostitwixxi l-kriminalità organizzata. Fl-arena internazzjonali, ħafna istituzzjonijiet u dokumenti ewlenin jinkludu kwalifikatur jew kwalifikaturi, li jew jispjegaw l-kelma "organizzata" jew inkella jillimitawha. Fil-livell globali, hemm Konvenzjoni tan-NU kontra l-Kriminalità Organizzata Transnazzjonali.[1] Fil-livell tal-UE, ilna ħafna kuntenti bit-terminu "kriminalità organizzata", kif jidher fi Pjan ta' Azzjoni għall-Ġlieda kontra l-Kriminalità Organizzata (1997),[2] id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill dwar il-Kriminalità Organizzata,[3] u Rapporti dwar is-Sitwazzjoni tal-Kriminalità Organizzata regolari mħejjija mill-Istati Membri (mill-1994), li fl-2006 ittrasformaw fil-Valutazzjonijiet ta' Theddid mill-Kriminalità Organizzata (OCTA) tal-Europol.

Madwar għaxar snin ilu, l-UE bdiet iżżid kwalifikaturi ukoll, jiġifieri "serja" u "internazzjonali". Fl-2010, ġie adottat iċ-Ċiklu tal-Politika tal-UE biex tiġi Ttrattata l-Kriminalità Internazzjonali Organizzata u Serja.[4] Sa mill-2013, l-OCTAs tal-Europol ġew sostitwiti minn Valutazzjonijiet ta' Theddid mill-Kriminalità Serja u Organizzata[5] Il-Kunsill jippromwovi l-"approċċ amministrattiv għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata" u stabbilixxa netwerk għalih.[6] Il-Kummissjoni Ewropea reċentement żvelat l-Istrateġija tagħha biex Tittratta l-Kriminalità Organizzata, li tenfasizza d-"dimensjoni transkonfinali u internazzjonali tal-kriminalità organizzata", filwaqt li ddikjarat li l-"kriminalità organizzata hija intrapriża internazzjonali" u titkellem dwar diversi "reati serji".[7] Kollox ma' kollox, il-kriminalità organizzata hija spiss assoċjata, jew anke kkombinata, mal-kriminalità serja u l-kriminalità internazzjonali.

Iżda x'inhi l-kriminalità organizzata, serja u internazzjonali? It-terminu "kriminalità organizzata" xi kultant jitqies bħala vag u mhux produttiv.[8] Dan huwa dovut, b'mod sostanzjali, għall-fatt li l-kriminalità organizzata tista' tirreferi kemm għal *min*, jiġifieri l-organizzazzjonijiet kriminali, u *xiex*, jiġifieri t-tipi ta' kriminalità u modus operandi tipiċi ta' ċerti fenomeni ta' kriminalità.[9]

Madankollu, iċ-ċaqliqa lejn il-kriminalità serja fil-politika tal-UE ntlaqgħet sew. Il-kriminalità serja hija definita mhux f'termini tal-organizzazzjoni jew l-attività, iżda f'termini tad-dannu kkawżat mill-kriminalità.[10] Id-domanda ewlenija ssir jekk reat huwiex serju biżżejjed biex jiġi ttrattat f'livell supranazzjonali. Fil-kliem tal-Europol: "Il-kriminalità serja tirreferi għal attività kriminali meqjusa denja ta' rappurtaġġ, li ma tissodisfax id-definizzjoni tal-OCG [grupp tal-kriminalità organizzata] stabbilita fid-Deċiżjoni qafas tal-2008. *De facto,* din tikkonċerna wkoll atturi waħedhom jew atturi individwali."[11] Dan jirrifletti l-fatt li ħafna mill-kriminalità serja hija mwettqa minn kriminali mhux organizzati.[12] L-abbuż sesswali tat-tfal minn xi ħadd li jaf lill-vittma huwa eżempju wieħed ta' kriminalità li hija ovvjament serja, iżda mhix neċessarjament organizzata. Iktar minn għoxrin fenomeni ta' kriminalità serja minbarra l-kriminalità organizzata issa jaqgħu taħt il-mandat tal-Europol kull meta jkollhom aspett internazzjonali fihom.[13]

Il-kriminalità internazzjonali, finalment, forsi hija inqas sempliċi milli tidher li hi. Bħall-kriminalità organizzata, tista' tirreferi kemm għall-attività kriminali u l-grupp tal-kriminalità. Nistgħu nitkellmu dwar kriminalità internazzjonali meta l-att kriminali jkopri jew jinvolvi azzjonijiet f'iktar minn pajjiż wieħed. Din hija s-sitwazzjoni fil-każ tat-traffikar illeċitu ta' oġġetti jew persuni minn naħa għal oħra tal-fruntiera. Nistgħu nitkellmu wkoll dwar kriminalità organizzata meta grupp tal-kriminalità jikkonsisti f'membri minn pajjiżi multipli. Fil-fatt, għalkemm xi gruppi tal-kriminalità organizzata jikkonsistu f'membri tal-istess nazzjonalità (domestiċi jew barranin), xi kriminali abitwalment jaħdmu ma' persuni ta' nazzjonalitajiet oħrajn. Fl-Istrateġija tal-UE biex tiġi Trattata l-Kriminalità Organizzata 2021-2025, il-kriminalità internazzjonali tirreferi għat-tnejn li huma.[14]



Michael Levi: "Il-kriminalità organizzata tista' tinkludi kollox minn konsorzji Taljani ewlenin liebsin ħwejjeġ puliti jew ilbies tal-bdiewa Sqallin sa tliet ħallelin li jidhru perikolużi ħafna minn negozju tat-tindif tat-twieqi li jiddifferenzjaw ir-rwoli tagħhom billi wieħed joqgħod għassa, l-ieħor jisraq, u t-tielet wieħed jaħsel il-flus. Jekk xi komponent ta' dak li jagħmlu jinvolvi pajjiż barrani, isiru kriminali organizzati transnazzjonali!"[15]

Xi wħud ikkritikaw l-ambigwità tal-kunċetti bħall-kriminalità organizzata u l-mod li jaffettwaw il-politika. Huma nnotaw li l-kriminalità organizzata tista' tkunn att kriminali li jikkollaboraw fih żewġ persuni jew iktar, anke jekk għal dik l-okkażjoni biss.[16] Fil-fatt, id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill tal-2008 ma pprovdietx definizzjoni tal-kriminalità organizzata, iżda minflok ipprovdiet waħda ta' grupp tal-kriminalità organizzata, li ammonta għal xejn iktar mill-kooperazzjoni ta' mill-inqas żewġ individwi f'attività kriminali.[17] Xi kritiċi jilmentaw dwar l-effett negattiv tan-nuqqas ta' ċarezza kunċettwali dwar il-politika tal-kriminalità organizzata, billi jiddikjaraw li dan ħoloq "kundizzjonijiet wiesgħa għal dawk li jfasslu l-politika u għall-kumpaniji bl-istess mod biex isegwu l-aġenda personali tagħhom."[18]

Iċ-ċiberkriminalità turi sew ħafna kif jinkroċjaw it-terminoloġiji tal-kriminalità organizzata, serja u internazzjonali u ma jistgħux jiġu applikati mingħajr ambigwità għal fenomeni ta' kriminalità partikolari. Ir-reati ċibernetiċi ivarjaw ħafna f'termini tal-ħsara li jikkawżaw u, għalhekk, is-serjetà tagħhom. Qabbel, pereżempju, infezzjoni tal-malware, traffikar tad-droga fid-darknet, u attakki ċibernetiċi kritiċi infrastrutturali. Il-kriminali ċibernetiċi jistgħu jaġixxu waħedhom, ikunu parti minn organizzazzjoni, jew joffru s-servizzi tagħhom lil grupp tal-kriminalità organizzata.[19] Il-prevenzjoni, u l-ġlieda kontra, iċ-ċiberkriminalità huma responsabbiltà ta' ħafna atturi, minn infurzar tad-dritt internazzjonali speċjalizzat sa negozji żgħar u utenti privati tal-internet li għandhom jipproteġu t-tagħmir tagħhom.[20] F'ċertu mod, l-internet u l-kapaċità tan-nies li jużaw it-teknoloġija tal-internet saħansitra ttrasformaw l-organizzazzjoni tal-kriminalità: fejn, tradizzjonalment, kien meħtieġ ċertu livell ta' struttura u organizzazzjoni biex jitwettwqu reati sofistikati, ir-reati ċibernetiċi u reati dipendenti fuq iċ-ċibernetika qiegħdin jitwettqu dejjem iktar minn netwerks żgħar u sfużi ħafna.[21]



# KRIMINALITÀ ORGANIZZATA INTERNAZZJONALI – SOLUZZJONIJIET ORGANIZZATI INTERNAZZJONALI?

Il-kriminalità organizzata internazzjonali ma hijiex xi ħaġa li l-atturi lokali jew anke nazzjonali jistgħu jittrattawha waħedhom. Huwa meħtieġ sforz miftiehem internazzjonali biex ifixkel u jimpedixxi operazzjonijiet u organizzazzjonijiet tal-kriminalità internazzjonali b'suċċess. F'tali kooperazzjonijiet internazzjonali, l-iskambju u l-aċċess għall-informazzjoni huma kruċjali. Fl-Ewropa, sistemi ta' skambju tad-data bħas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) u l-pjattaformi ta' kooperazzjoni bħall-Pjattaforma Multidixxiplinari Ewropea kontra t-Theddid Kriminali (EMPACT) huma ċentrali għall-ġlieda kontra l-kriminalità internazzjonali serja u organizzata.[22]

Madankollu, dan ma jfissirx li l-atturi lokali ma għandhomx rwol xi jwettqu fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata. Teżisti ċerta tensjoni bejn il-prijoritajiet tal-kriminalità serja u organizzata stabbiliti miċ-Ċiklu tal-Politika tal-UE minn naħa waħda u l-prijoritajiet lokali min-naħa l-oħra. Preżunzjoni komuni hija li l-kriminalità organizzata hija internazzjonali u l-aħjar li tiġi ttrattata minn atturi strateġiċi ta' livell għoli nazzjonali jew internazzjonali, filwaqt li l-atturi lokali għandhom jiffokaw fuq kriminalità lokali mhux organizzata.[23] Spiss mingħajr bażi fil-fatt, dawk li jfasslu l-politika ilhom ħafna jagħmlu dikjarazzjonijiet dwar in-natura speċjali u t-theddida dejjem tikber tal-kriminalità organizzata, li twassal għat-twemmin popolari li "theddid kriminali eċċezzjonali jeħtieġ li jiġi indirizzat permezz ta' miżuri eċċezzjonali."[24] L-atturi lokali, min-naħa tagħhom, xi kultant iżommu lura milli jieħdu f'idejhom il-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata.[25] Madankollu, hemm diversi raġunijiet għaliex dawn ir-reati għandhom jiġu ttrattati wkoll minn atturi lokali u reġjonali, li jistgħu jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-ġlieda kontriha. Ejja naraw l-iktar żewġ raġunijiet importanti.

## RAĠUNI 1:

## MHUX IL-KRIMINALITÀ SERJA U ORGANIZZATA KOLLHA HIJA INTERNAZZJONALI

Jekk nikkunsidraw il-kriminalità organizzata bħala attività kriminali deliberata li teħtieġ il-kollaborazzjoni ta' awturi multipli tar-reat, mhux il-kriminalità organizzata kollha hija neċessarjament internazzjonali. L-iktar SOCTA riċenti tal-Europol tistma 65 % tal-gruppi kollha tal-kriminalità organizzata (OCG) huma magħmulin minn membri ta' nazzjonalitajiet differenti, li jfisser li terz li jikkonsistu minn membri tal-istess nazzjonalità.[26] Skont l-istess rapport, iktar minn 70 % tal-gruppi tal-kriminalità organizzata huma attivi f'iktar minn tliet pajjiżi[27]; fi kliem ieħor, kwart sew minnhom huma attivi biss f'pajjiż wieħed jew tnejn.

Dan jista' ma jidhirx bħala ħafna, iżda l-attenzjoni tal-Europol naturalment hija primarjament fuq il-kriminalità internazzjonali. Mhux diffiċli li wieħed jaħseb f'eżempji ta' gruppi ta' kriminalità organizzata li l-attivitajiet tagħhom huma limitati għal pajjiż wieħed jew anke territorji ħafna iżgħar. Mall-ewwel ħsiebna jdur lejn gangs tat-toroq jew gangs taż-żgħażagħ. Tendenza importanti fl-UE hija l-frammentazzjoni tal-gruppi tal-kriminalità organizzata, li twassal għal żieda fin-numru ta' gruppi. Dawn il-gruppi iżgħar dejjem iktar jieħdu s-sura ta' gangs tat-toroq, li jikkontrollaw żona (sub)urbana partikolari relattivament żgħira u jirreklutaw mill-popolazzjoni ta' dik iż-żona.[28] Naturalment, huma jkollhom konnessjonijiet mal-kriminalità internazzjonali iżda l-profil tagħhom huwa primarjament lokali. Għaldaqstant, il-gangs tat-toroq ħafna drabi huma involuti fil-bejgħ tad-drogi, il-kontroll tas-swieq lokali tad-drogi, iżda gruppi oħrajn tal-kriminalità organizzata huma responsabbli għall-provvista bl-ingrossa.[29] Xi wħud saħansitra saħqu li l-kriminalità

organizzata kollha hija essenzjalment lokali, fis-sens li l-kriminalità organizzata tirriżulta minn relazzjonijiet ta' negozju lokali li jkunu jiddependu fuq interessi lokali kondiviżi.[30] Li tingħata attenzjoni dovuta lill-kriminalità organizzata lokali għandu l-vantaġġ li jgħin sabiex il-fokus idur mill-insegwiment tal-atturi internazzjonali elużivi għall-prevenzjoni tar-reklutaġġ lokali u l-protezzjoni tal-vittmi u l-viċinati.[31]

## It-tnaqqis tal-impatt tal-kriminalità organizzata fil-komunitajiet lokali

L-approċċ prevalenti bbażat fuq l-infurzar għall-kriminalità organizzata jipperpetwa l-idea ta' kriminalità internazzjonali ta' livell għoli għax jiffoka eżattament fuq dawk it-tipi ta' reati. Madankollu, approċċ fil-livell lokali li jieħu l-ħsara lokali bħala punt ta' tluq se jiżvela li l-kriminalità organizzata ħafna drabi hija lokali, b'mod distintiv.

Fir-Renju Unit, tim ta' sitt riċerkaturi għamlu eżattament hekk fi tliet viċinati f'żewġt ibliet.[32] Huma identifikaw total ta' ħmistax-il grupp ta' kriminalità organizzata u gangs tat-toroq urbani. Ladarba identifikati, investigazzjoni permezz ta' taħlita ta' metodi ppermettiet immappjar tal-attivitajiet tal-gruppi, l-organizzazzjoni tagħhom, il-mekkaniżmu ta' reklutaġġ, u kif dan kollu jirrelata mal-politiki ta' kontroll tal-kriminalità.

Il-maġġoranza tal-membri tal-grupp kienu mwielda u mrobbija fil-belt fejn kienu joperaw. Ħafna minnhom kienu jgħixu fil-komunità li kienu attivi fiha u kellhom tendenza li jduru f'dawk l-inħawi bħala mod kif jeżerċitaw il-kontroll. Ir-reklutaġġ, spiss permezz ta' esplojtazzjoni kriminali, kien fil-maġġor parti lokali. In-nisa u l-bniet esplojtati minn dawk il-gruppi attivi fl-esplojtazzjoni sesswali instabu lokalment iżda anke lil hinn. Kollox ma' kollox, is-settings fiżiċi u soċjali lokali kienu determinanti importanti tal-kriminalità organizzata lokali.




Ir-riċerkaturi kkonkludew li tali problemi tal-kriminalità organizzata lokali jeħtieġu reazzjoni minn aġenziji multipli lokali mmexxija minn intelliġenza lokali.

Ir-rapport sħiħ tar-riċerka huwa disponibbli hawn: https://www.police-foundation.org.uk/publication/reducing-impact-organised-crime-local-communities/

# RAĠUNI 2:

# IL-KRIMINALITÀ ORGANIZZATA KOLLHA GĦANDHA IMPATT LOKALI U TIDDEPENDI FUQ IL-KUNDIZZJONIJIET LOKALI

Il-kriminalità organizzata kollha, kemm jekk internazzjonali jew le, finalment timmanifesta ruħha lokalment. Laboratorju tad-drogi sintentiċi, pereżempju, huwa allokat ġewwa lokalità partikolari, jieħu l-enerġija minn kumpanija partikolari, jarmi l-iskart tossiku f'post speċifiku, u joħloq riskji għall-komunità (permezz ta' sustanzi kimiċi jew nirien).[33] Is-swieq tad-drogi huma marbutin ma' postijiet speċifiċi, li fuqhom għandhom effetti profondi: żieda fil-livelli ta' vjolenza, abbuż minn sustanzi, biża mill-kriminalità u affarijiet fastidjużi oħra bħal labar mormija.[34] Għalhekk, anke jekk il-partijiet separati tal-proċess (il-produzzjoni, it-traffikar, il-bejgħ) isiru f'pajjiżi differenti, dawn kollha għandhom impatt lokali kbir. B'mod simili, il-vittmi ta' operazzjoni tat-traffikar tal-bnedmin internazzjonali jistgħu jkunu qed jaħdmu f'post tal-ħasil tal-karozzi lokali.[35] Jista' jkun il-każ ukoll li l-gruppi tal-kriminalità organizzata jaħslu r-rikavati tagħhom f'pajjiżi differenti, iżda hemm ċans tajjeb li l-flus saru minn attivitajiet kriminali essenzjament lokali.[36]

Madankollu, id-dimensjoni lokali tal-kriminalità organizzata tilħaq iktar 'il bogħod mill-impatt immedjat tal-atti kriminali. Għall-kriminalità organizzata, huwa kruċjali li jkun hemm komunikazzjoni ma' trasgressuri oħrajn u li jintlaħaq ftehim għal kollaborazzjoni. Dan il-proċess jiddependi fuq il-kuntest lokali, kemm f'termini tat-tipi ta' postijiet fejn jiltaqgħu t-trasgressuri (settings ta' konverġenza tat-trasgressuri[37]) u f'termini tar-rabtiet soċjali li jgħinu lit-trasgressuri jiltaqgħu ma' kotrasgressuri u li joħolqu opportunitajiet ta' kriminalità (struttura ta' opportunità soċjali[38]). Aspetti oħra tal-kuntest lokali, ukoll, jipprovdu opportunitajiet għall-kriminalità organizzata jew jistgħu jxekkluha: il-kuntest legali, ekonomiku, ġurisprudenzjali, u anke ġeografiku li fih huma attivi l-gruppi tal-kriminalità jiddetermina l-aċċess tagħhom għall-provvisti, iċ-ċansijiet tagħhom li jikkummerċjalizzaw b'suċċess oġġetti u servizzi illegali, l-opzjonijiet tagħhom biex jinvestu mill-ġdid il-qligħ tagħhom, kif ukoll il-probabbiltà li jirnexxielhom jagħmlu dan kollu mingħajr ma jinqabdu.  Ġie osservat, pereżempju, li s-swieq tad-drogi fl-UE huma differenti b'mod sinifikanti minn pajjiż għall-ieħor, u anke ġewwa l-pajjiżi. Il-kummerċ u l-użu tar-reżina tal-kannabis (hashish) huwa l-ogħla fi Spanja, minn fejn il-prodott Marokkin jidħol fl-UE, u l-bejgħ tas-sigaretti bil-kuntrabandu ġeneralment huwa l-ogħla f'żoni b'introjtu iktar baxx.[39] Finalament, l-OCGs huma "kulturalment u b'mod konjittiv inkorporati fil-kultura lokali",[40] li s-sistema ta' valuri tagħhom tifforma l-isfond għat-trażmissjoni interġenerazzjonali tal-kriminalità u r-reklutaġġ.[41]

# AZZJONI LOKALI KONTRA KRIMINALITÀ SERJA U ORGANIZZATA

Minn dak kollu ta' hawn fuq, għandu jkun ċar li l-atturi lokali jistgħu u għandu jkollhom rwol fil-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata. Dawn għandhom interess qawwi fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata *tagħhom*, peress li jista' jkun li esperjenzaw żieda fil-livelli ta' vittimizzazzjoni, reklutaġġ, vjolenza u fastidju relatati mal-attività tal-kriminalità organizzata kif ukoll żieda fil-livelli ta' biża' mill-kriminalità.

Iċ-ċentralizzazzjoni tar-reazzjonijiet għall-kriminalità organizzata fil-livell nazzjonali jew, anke, internazzjonali wasslet għal titjib fil-kooperazzjoni tal-infurzar tal-liġi bejn il-fruntieri, iżda l-effett preventivu protettiv ta' tali approċċi ffukati fuq l-infurzar huwa limitat. Strateġiji ta' profil għoli minn fuq għal isfel, bħall-istrateġiji ta' "segwi l-flus" u arresti tal-kingpins, ma jwettqux il-wegħdiet li jkunu għamlu u, bħala riżultat, is-swieq illegali jibqgħu fil-biċċa l-kbira mhux affettwati minnhom (jew, mill-inqas, adattaw).[42] Il-pulizija u l-awtoritajiet lokali qiegħdin f'pożizzjoni tajba sabiex jivvalutaw u jimmappjaw swieq illeċiti lokali u ħsarat minn kriminalità organizzata, iżda l-intelliġenza lokali ħafna drabi tintilef fit-"tsunami tal-informazzjoni" li nħolqot mill-iskambju tal-informazzjoni u l-kooperazzjoni internazzjonali.[43]

Il-prevenzjoni effettiva tal-kriminalità tiddependi fuq analiżijiet dettaljati tal-problemi tal-kriminalità, tat-tip li jistgħu jagħmluhom biss l-atturi lokali.[44] Għalhekk, l-esperjenzi lokali u l-intelliġenza lokali għandu jkollhom rwol ewlieni fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata.[45]

### L-Approċċ ta' Sofielund

L-Approċċ ta' Sofielund huwa eżempju tajjeb ta' inizjattiva ta' prevenzjoni tal-kriminalità organizzata ibbażata fuq il-komunità b'aġenziji multipli. Il-programm jindirizza l-kriminalità serja ġewwa d-distrett ta' Sofielund ta' Malmö, primarjament is-suq miftuħ tad-drogi, iżda wkoll il-problemi l-oħra bħala segwitu tiegħu, bħall-vjolenza (bil-pistoli) u l-fastidju pubbliku.

L-Approċċ ta' Sofielund jinvolvi firxa wiesgħa ta' azzjonijiet minn atturi u partijiet interessati lokali, inkluż klabb tal-futbol lokali, union tal-kerrejja, negozji, u entitajiet tal-gvern lokali bħad-dipartiment tal-ippjanar tal-belt u l-pulizija tal-belt. Il-kooperazzjoni ta' aġenziji multipli tieħu s-sura f'assoċjazzjoni ta' netwerks immudellati fuq distretti ta' titjib tan-negozji (BID). Azzjonijiet konkreti jinkludu għadd ta' miżuri sitwazzjonali, bħal żieda fil-viġilanza u l-monitoraġġ permezz tas-CCTV, flimkien ma' serje ta' inizjattivi ta' prevenzjoni soċjali mmirati lejn iż-żgħażagħ reklutati jew esplojtati minn kriminali organizzati.

Ir-riċerkaturi mmonitorjaw u evalwaw l-approċċ. Huma osservaw tnaqqis kbir kemm fil-kriminalità u fl-emozzjoni ta' nuqqas ta' sigurtà fiż-żona.

L-Approċċ ta' Sofielund rebaħ il-Premju Ewropew għall-Prevenzjoni tal-Kriminalità tal-2019.

Għal iktar informazzjoni dwar l-approċċ ta' Sofielund, ara https://eucpn.org/document/sofielund-approach

Bara minn hekk, l-awtoritajiet lokali għandu jkollhom rwoli attivi fit-tfixkil u l-prevenzjoni tal-kriminalità organizzata. Il-prevenzjoni tal-komunità u l-prevenzjoni tal-iżvilupp, li huma lokali skont id-definizzjoni tagħhom, huma pilastri importanti fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata. Dawn jgħinu sabiex jitnaqqas ir-reklutaġġ fil-kriminalità organizzata, tittejjeb ir-reżiljenza tal-komunitajiet kontra l-ħsara u l-vittimizzazzjoni u jiġu infurmati interventi tal-pulizija effettivi (eż. permezz ta' hotlines).[46]

Tip ta' azzjoni għall-atturi lokali kif ukoll għall-awtoritajiet nazzjonali li mhumiex tal-infurzar tal-liġi huwa l-approċċ amministrattiv.[47] Dan ġie definit bħala "mod ta' prevenzjoni u indirizzar tal-użu ħażin tal-infrastruttura legali permezz tal-kooperazzjoni ta' aġenziji multipli billi tiġi kondiviża informazzjoni u jittieħdu azzjonijiet sabiex jitwaqqfu ostakli."[48] Mhux biss hija ħafna mill-informazzjoni rilevanti ġenerata fil-livell lokali, iżda l-awtoritajiet lokali għandu jkollhom ukoll rwol ewlieni fit-teħid u l-koordinazzjoni tal-azzjoni.

L-awtoritajiet lokali (u nazzjonali) jistgħu jużaw is-setgħat regolatorji tagħhom biex ifixklu l-kriminalità organizzata. Dan jista' jsir b'diversi modi. Eżempju klassiku huwa billi tiġi miċħuda liċenza biex jinfetaħ negozju (bar, post tal-massaġġi, ristorant) jew biex jinbiegħ alkoħol f'post li jservi bħala faċċata għal operazzjoni kriminali. Spezzjonijiet bħal spezzjonijiet tax-xogħol, spezzjonijiet tas-sigurtà tal-ikel u spezzjonijiet tas-sigurtà tan-nar huma għodod oħra li jistgħu jintużaw biex ifixklu l-attivitajiet kriminali.[49] Il-kriminalità organizzata spiss tiddependi fuq il-kundizzjonijiet lokali u huwa f'idejn l-awtoritajiet lokali biex jagħmlu xi ħaġa dwar dan.[50]

L-awtoritajiet lokali jinsabu wkoll f'pożizzjoni tajba sabiex jikkoordinaw azzjonijiet kontra l-kriminalità organizzata. Interventi bbażati fuq il-komunità jeħtieġu kontribuzzjonijiet minn servizzi lokali differenti (eż. skejjel, ħidma soċjali, pulizija lokali), ċittadini u negozji. Il-prevenzjoni fil-Komunità hija importanti għax għandha l-potenzjal li tnaqqas ir-reklutaġġ fil-kriminalità organizzata.[51] Il-ġestjoni ta' tali kooperazzjonijiet u l-allinjament tagħhom mal-interventi amministrattivi ta' aġenziji multipli kif ukoll l-azzjonijiet tal-pulizija u l-prosekuturi (nazzjonali) jista' jkun rwol għall-awtoritajiet lokali. Dawn huma allokati b'mod konvenjenti fil-qalba ta' kollox u ġeneralment huma familjari b'mod intimu mal-mod kif il-problemi tal-kriminalità organizzata jiġu ppreżentati lill-ambjent tagħha. Iżda anke f'approċċi li mhumiex koordinati fil-livell lokali, azzjonali lokali hija spiss prerekwiżit għal suċċess. F'kampanji madwar l-UE, bħal dawk li jistabbilixxi l-EUCPN fil-qafas ta' EMPACT, l-atturi nazzjonali u lokali jieħdu ħafna mid-disseminazzjoni attwali tal-materjal tal-kampanja.

## KONKLUŻJONI

Il-kriminalità organizzata hija spiss assoċjata mal-kriminalità serja u internazzjonali. L-opinjoni prevalenti tal-"kriminalità organizzata internazzjonali" tellgħet il-kriminalità organizzata għal-livell nazzjonali jew internazzjonali, fejn issir il-fokus ta' politiki li huma orjentati b'mod predominanti lejn l-infurzar. Iżda mhux il-kriminalità serja u organizzata kollha hija internazzjonali. Forsi, b'mod iktar importanti, il-kriminalità organizzata kollha għandha impatt lokali f'termini tal-ħsara u r-reklutaġġ. B'mod konsegwenti, l-aħjar reazzjoni għall-kriminalità serja u organizzata hija approċċ integrat li jgħaqqad kemm pulizija reattiva kif ukoll prevenzjoni, u li fiha l-atturi internazzjonali, nazzjonali u lokali jagħmlu l-parti tagħhom. Fil-fatt, l-awtoritajiet lokali għandhom rwol x'iwettqu fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata. Dawn huma f'pożizzjoni privileġġjata biex jikkumplimentaw il-politiki bbażati fuq l-infurzar b'approċċ preventiv u protettiv. L-awtoritajiet lokali spiss ikollhom kontroll tal-informazzjoni essenzjali dwar il-problemi tal-kriminalità organizzata. Dawn jinsabu wkoll f'pożizzjoni ideali sabiex jimmaniġġjaw sħubiji b'aġenziji multipli. Bħala tali, għandhom il-potenzjal li jnaqqsu r-reklutaġġ kif ukoll l-effetti dannużi tanġibbli ħafna tal-kriminalità organizzata fil-komunitajiet lokali.

# Noti tat-tmiem

1 In-Nazzjonijiet Uniti, UNTOC: Konvenzjoni kontra l-Kriminalità Organizzata Transnazzjonali, New York, 2000, https://treaties.un.org/Pages/ViewDetails.aspx?src=TREATY&mtdsg_no=XVIII-12&chapter=18&clang=_en.

2 Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, Pjan ta' Azzjoni għall-Ġlieda kontra l-Kriminalità Organizzata, Brussell, 28 ta' April 1997, https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:51997XG0815.

3 Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 2008/841/ĠAI: Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill dwar il-Ġlieda kontra l-Kriminalità Organizzata, Brussell, 2008, https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:32008F0841.

4 Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, Konklużjonijiet tal-Kunsill 15358/10: Il-Ħolqien u l-Implimentazzjoni ta' Ċiklu tal-Politika tal-UE għall-Kriminalità Organizzata u l-Kriminalità Internazzjonali Serja, Brussell, 2010; Europol, Ċiklu ta' Politika tal-UE - Empact, https://www.europol.europa.eu/empact (Aċċessati fid-9 Apr. 2020).

5 P.C. van Duyne and T. Vander Beken, The Incantations of the EU Organised Crime Policy Making, *Crime, Law and Social Change* 51:2 (2009), 261-81, https://dx.doi.org/10.1007/s10611-008-9153-1.

6 Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 9935/16: Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Approċċ Amministrattiv għall-Prevenzjoni u l-Ġlieda kontra l-Kriminalità Serja u Organizzata, Brussell, 2016. In-netwerk huwa n-Netwerk Ewropew dwar l-Approċċ Amministrattiv biex tiġi Ttrattata l-Kriminalità Serja u Organizzata (ENAA): https://administrativeapproach.eu.

7 Il-Kummissjoni Ewropea, COM(2021) 170 final: Strateġija tal-UE biex tiġi Ttrattata l-Kriminalità Organizzata 2021-2025, Brussell, 2021.

8 L. Paoli and T. Vander Beken, Organized Crime: A Contested Concept, in: L. Paoli (Ed.), *The Oxford Handbook of Organized Crime*, Oxford: Oxford University Press, 2014, 13-31.

9 F.E. Hagan, "Organized Crime" and "Organized Crime": Indeterminate Problems of Definition, *Trends in Organized Crime* 9:4 (2006), 127-37, https://dx.doi.org/10.1007/s12117-006-1017-4.

10 N. Dorn, The End of Organised Crime in the European Union, *Crime, Law and Social Change* 51:2 (2009), 283-95, https://dx.doi.org/10.1007/s10611-008-9156-y; L. Paoli, How to Tackle (Organized) Crime in Europe? The EU Policy Cycle on Serious and Organized Crime and the New Emphasis on Harm, 22:1 (2014), 1-12, https://dx.doi.org/10.1163/15718174-22012036.

11 Europol, EU Serious and Organised Crime Threat Assessment, The Hague: European Police Office, 2013, 43, https://www.europol.europa.eu/activities-services/main-reports/eu-serious-and-organised-crime-threat-assessment-socta-2013.

12 M. Levi and M. Maguire, Reducing and Preventing Organised Crime: An Evidence-Based Critique, *Crime, Law & Social Change* 41 (2004), 399.

13 Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 2009/371/ĠAI: L-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Pulizija Ewropea (Europol), Brussell, 2009, https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/ALL/?uri=celex:32009D0371; Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, Regolament dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol), Brussell, 11 ta' Mejju 2016, https://eur-lex.europa.eu/legal-content/mt/TXT/?uri=CELEX:32016R0794.

14 COM(2021) 170 final.

15 M. Levi, The Organization of Serious Crimes for Gain, in: M. Maguire, R. Morgan, and R. Reiner (Eds.), *The Oxford Handbook of Criminology*, Oxford: Oxford University Press, 2012, 597-8.

16 Ibid.; Paoli, How to Tackle (Organized) Crime in Europe? The EU Policy Cycle on Serious and Organized Crime and the New Emphasis on Harm, 3; H. Carrapico, Analysing the European Union's Responses to Organized Crime through Different Securitization Lenses, *European Security* 23:4 (2014), 611, https://dx.doi.org/10.1080/09662839.2014.949248.

17 2008/841/ĠAI, Art. 1.

18 J. Janssens and A. De Vos, European Union: Organised Crime Policies, Politics and the EU, in: F. Allum and S. Gilmour (Eds.), *Handbook of Organised Crime and Politics*, Cheltenham: Edward Elgar Publishing, 2019, 437-54.

19 R. Leukfeldt (Ed.), *Research Agenda: The Human Factor in Cybercrime and Cybersecurity*, The Hague: Eleven International Publishing, 2017, kapitoli 4 u 5.

20 Ibid., kapitolu 7.

21 A. Lavorgna, Organised Crime Goes Online: Realities and Challenges, *Journal of Money Laundering Control* 18:2 (2015), 158, https://dx.doi.org/10.1108/JMLC-10-2014-0035.

22 Ara COM(2021) 170 final.

23 Ara Levi and Maguire, Reducing and Preventing Organised Crime, 402.

24 H.-J. Albrecht, Police, Policing and Organised Crime: Lessons from Organised Crime Research, *European Police Science and Research Bulletin* special conference issue nr. 2 (2017), 2009, https://dx.doi.org/10.2825/13491.

25 R. Crocker, S. Webb, M. Skidmore et al., Tackling Local Organised Crime Groups: Lessons from Research Intwo UK Cities, *Trends in Organized Crime* 22:4 (2019), 443, https://dx.doi.org/10.1007/s12117-018-9335-x.

26 Europol, European Union Serious and Organised Crime Threat Assessment: A Corrupting Influence, Luxembourg: Publications Office of the European Union, 2021, 19, https://dx.doi.org/10.2813/02362.

27 Ibid.

28 M. Riccardi, Soc Infiltration in Europe: An Overview, in: E.U. Savona and M. Riccardi (Eds.), *Mapping the Risk of Serious and Organised Crime Infiltration in Europe*, Milan: Transcrime, 2018, 55-6.

29 Ara Home Office, Working with Young People to Prevent Involvement in Serious and Organised Crime, Practitioner toolkit, London: Home Office, 2021, 4, https://www.gov.uk/government/publications/help-young-people-avoid-involvement-in-serious-and-organised-crime; R. McLean, J.A. Densley, and R. Deuchar, Situating Gangs within Scotland'sillegal Drugsmarket(S), *Trends in Organized Crime* 21 (2018), 147-71, https://dx.doi.org/10.1007/s12117-017-9328-1.

30 D. Hobbs, Going Down the Glocal: The Local Context of Organised Crime, *The Howard Journal of Criminal Justice* 37:4 (1998), 407-22, https://doi.org/10.1111/1468-2311.00109.

31 Crocker et al., Tackling Local Organised Crime Groups, 443.

32 Ibid., 433-49. Għal rapport sħiħ tar-riċerka, ara R. Crocker, S. Webb, S. Garner et al., The Impact of Organised Crime in Local Communities, London: The Police Foundation, 2017, https://www.police-foundation.org.uk/2017/wp-content/uploads/2017/10/oc_in_local_communities_final.pdf.

33 EMCDDA and Europol, EU Drug Markets Report, Luxembourg: Publications Office of the European Union, 2019, 18 u 24.

34 R. Lupton, A. Wilson, T. May et al., A Rock and a Hard Place: Drug Markets in Deprived Neighbourhoods, London: Home Office, 2002.

35 P. Villettaz, M. Killias, and I. Zoder, The Effects of Custodial Vs. Non-Custodial Sentences on Re-Offending: A Systematic Review of the State of Knowledge, *Campbell Systematic Reviews* 2:1 (2006), especially the "Donut" case study, https://dx.doi.org/10.4073/csr.2006.13.

36 Levi and Maguire, Reducing and Preventing Organised Crime, 401.

37 M. Felson, The Process of Co-Offending, *Crime Prevention Studies* 16 (2003), 149-68; M. Felson, The Ecosystem for Organized Crime, HEUNI Papers No. 26, Helsinki: HEUNI, 2006, 9-10.

38 E.R. Kleemans and C.J. de Poot, Criminal Careers in Organized Crime and Social Opportunity Structure, *European Journal of Criminology* 5(1) (2008), 69-98,

https://dx.doi.org/10.1177/1477370807084225.

39 von Lampe, Organized Crime in Europe, 9.

40 A. Sergi and L. Storti, Shaping Space: A Conceptual Framework on the Connections between Organised Crime Groups and Territories, *Trends in Organized Crime* (2021), 138, https://dx.doi.org/10.1007/s12117-021-09415-0.

41 A. Sergi, Widening the Antimafia Net: Child Protection and the Socio-Cultural Transmission of Mafia Behaviours in Calabria, *Youth Justice* 18:2 (2018), 149-68, https://dx.doi.org/10.1177/1473225418791420; European Crime Prevention Network, Family-Based Crime: Background and Theory of Prevention, Part of the Toolbox on Family-Based Crime, Brussels: EUCPN, 2020, https://eucpn.org/toolbox-familybasedcrime.

42 C. Atkinson, S. Mackenzie, and N. Hamilton-smith, A Systematic Review of the Effectiveness of Asset-Focussed Interventions against Organised Crime, What Works: Crime Reduction Systematic Review Series No. 9, UK: College of Policing, 2017, https://whatworks.college.police.uk/Research/Systematic_Review_Series/Pages/default.aspx; J.M. Lindo and M. Padilla-Romo, Kingpin Approaches to Fighting Crime and Community Violence: Evidence from Mexico's Drug War, *Journal of Health Economics* 58 (2018), 253-68, https://dx.doi.org/10.1016/j.jhealeco.2018.02.002; B. Albrecht, Multicultural Challenges for Restorative Justice: Mediators' Experiences from Norway and Finland, *Journal of Scandinavian Studies in Criminology and Crime Prevention* 11:1 (2010), 210, https://dx.doi.org/10.1080/14043851003616204.

43 Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 11657/08: Freedom, Security, Privacy: European Home Affairs in an Open World - Report of the Informal High-Level Advisory Group on the Future of European Home Affairs Policy ("the Future Group"), Brussell, 2008; Ara Levi and Maguire, Reducing and Preventing Organised Crime, 403.

44 Levi and Maguire, Reducing and Preventing Organised Crime, 408; Crocker et al., Tackling Local Organised Crime Groups, 443.f

45 Albrecht, Multicultural Challenges for Restorative Justice, 216.

46 Ara Levi and Maguire, Reducing and Preventing Organised Crime, 411-3.

47 Dwar l-approċċ amministrattiv, ara r-riżorsi magħmula disponibbli min-Netwerk Ewropew dwar l-Approċċ Amministrattiv (https://administrativeapproach.eu/), inkluż it-Tielet Manwal tal-UE dwar l-Approċċ Amministrattiv fl-Unjoni Ewropea, Brussell: ENAA, 2020, https://administrativeapproach.eu/publications/third-eu-handbook.

48 Ibid., 7.

49 Levi and Maguire, Reducing and Preventing Organised Crime, 413.

50 Għal illustrazzjoni tad-dipendenza tal-kriminalità organizzata f'kundizzjonijiet lokali ara E.U. Savona, Infiltration of the Public Construction Industry by Italian Organised Crime, in: K. Bullock, R.V. Clarke, and N. Tilley (Eds.), *Situational Prevention of Organised Crimes*, Portland: Willan Publishing, 2010.

51 Levi and Maguire, Reducing and Preventing Organised Crime, 411-2.

**Ċitazzjoni**

EUCPN (2021). Sfaxxatur tal-miti: Il-ġlieda kontra l-kriminalità u serja: kooperazzjoni internazzjonali jew approċċi lokali? Brussell: EUCPN.

**Avviż legali**

Il-kontenut ta' din il-pubblikazzjoni mhux bilfors jirrifletti l-opinjoni uffiċjali ta' xi Stat membru jew ta' xi aġenzija jew istituzzjoni tal-Unjoni Ewropea jew tal-Komunitajiet Ewropej.

**Awturi/edituri**

Stijn Aerts, Uffiċjal tar-riċerka, Segretarjat tal-EUCPN.

Parti mill-proġett " Segretarjat tan-Netwerk Ewropew għall-prevenzjoni tal-kriminalità u Netwerk Ewropew dwar l-approċċ amministrattiv — Segretarjat tal-EUCPN" - Segretarjat tal-EUCPN, Ottubru 2021, Brussell

Bl-appoġġ finanzjarju tal-Programm dwar il-Prevenzjoni ta' u l-Ġlieda kontra l-Kriminalità tal-Unjoni Ewropea.

Kummissjoni Ewropea - Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Interni

Kuntatt: **www.eucpn.org**